**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.**

Seduta tas-17 ta' Marzu 2016

Appell Nru: 525/2014

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Gordon Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Gordon Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 304664M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Marzu, 2014, ghall-habta ta' 12:20hrs gewwa dawn il-Gzejjer: 1)Bhala sid il-vettura FBT739 tal-ghamla Toyota, gieghel, halla jew ippermetta lil Mario Axiaq isuq l-imsemmija vettura minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju jew l-Awtorita' ghat-Trasport taht dik il-kategorija specifikata biex isuq dik il-vettura; 2)Gieghel, halla jew ippermetta lill-Mario Axiaq isuq vettura FBT739 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Il-prosekuzzjoni talbet lil Qorti li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Dicembru, 2014, fejn wara ammissjoni u wara li rat

l-Artikoli 15(1)(b)(3) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijet ta' Malta sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjonijiet kontra tieghu u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €232.94 kwantu ghall-ewwel imputazzjoni u kwantu ghat-tieni imputazzjoni ikkundannatu ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal-sentejn (2) fit-termini tal-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gordon Farrugia, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Dicembru, 2014, li bih talab r-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonferma fejn kien ikkundannat fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha u thassarha fejn skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena konsegwenzjali kominata mill-Ewwel Qorti riferibilment ghall-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena. L-appellant ma huwiex qieghed jilmenta mis-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu u anqas mill-piena inflitta hlief, kif gia inghad, ghal-piena konsegwenzjali ta' skwalifika. Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-appellant kien ippermetta lill-certu Mario Axiaq, li jidher li kien wiehed mill-impjegati tieghu, isuq vettura li spiccat inqelbet wara li habtet ma' trailer u arblu tad-dawl. L-appellant jargumenta illi *tenut*

*kont tal-ammissjoni tal-appellant, is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant hija harxa zzejjed u ngustifikata. Inoltre, peress illi l-appellant huwa direttur ta' kumpanija tal-kostruzzjoni illi timpjiega hamsin ruh, tali skwalifika ser tohloqlu problemi kbar u ser tikkomplika ferm il-hidma ta' l-istess kumpanija.* B'hekk l-appellant qieghed jikkontendi li hemm ragunijiet specjali a tenur tal-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 li kawza taghhom din il-Qorti m'ghandhiex tordna l-iskwalifiki tal-licenzji tas-sewqan tassattivament imposti bhala piena konsegwenzjali fit-termini tal-artikolu 3 tal-Kap 104;

Fil-fehma tal-Qorti r-ragunijiet li ressaq l-appellant ghal konsiderazzjoni taghha ma jammontawx ghal-ragunijiet specjali fit-termini tal-artikolu 3(2A). Fis-sottomissjoniet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant jghid illi huwa prattikament impossibbli li ta' kuljum jaghmel verifiki jekk il-licenzji tas-sewqan tal-impjegati tieghu humiex in regola jew le. L-appellant donnu jaghti x'jifhem illi l-licenzja tal-impjegat tieghu kienet skadiet izda mill-assjem tal-provi, almenu kif fehemet din il-Qorti, l-impjegat ma kienx munit b'licenzja tas-sewqan u mhux il kaz li kellu l-licenzja tieghu mhix imgedda, jekk *gratia argomenti,* din setghet tkun ta' ghajnuna fl-appell tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iz-zmien tal-iskwalifika jibda jiddekorri mil-lum.